31985R1907

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1907/85
tal-10 ta' Lulju 1985
fuq il-lista ta' varjetajiet ta' inbid u reġjuni li jipprovdu inbid impurtat biex isiru inbejjed frizzanti fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/79 tal-5 ta' Frar 1979 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 798/85 [2], u b'mod partikolari Artikolu 48a tiegħu,

Billi Artikolu 48a tar-Regolament (KEE) Nru 337/79 jipprovdi li inbid impurtat fil-Komunità li jista' jintuża' biex isiru bih inbejjed frizzanti irid ikun ġej minn varjetajiet ta' dwieli u reġjuni fejn jagħmlu l-inbid biex hu jkun jista' jiġi distint minn inbid prodott fil-Komunità; billi lista tat-tali varjetajiet u reġjuni għandha għalhekk tkun stabbilita;

Billi l-miżuri maħsuba f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-inbid importat fil-Komunità li jista' jintuża biex isiru l-inbejjed frizzanti jirid ikun ġej minn:

(a) il-varjeta' *Fetească neagra* kultivata fin-naħa ta' isfel u tal-lvant fl-għoljiet Sub-Karpetjani fir-Rumanija;

(b) il-varjetajiet *Fetească* u *Fetească regală* kultivati fin-naħa ta' isfel u tal-lvant ta' l-għoljiet Sub-Karpetjani u Transilvanja fir-Rumanija.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Lulju 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

---

[1] ĠU L 54, tal-5.3.1979, p. 1.
[2] ĠU L 89, tad-29.3.1985, p. 1.